# DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA

## Nru 300/08/COL

## tal-21 ta' Mejju 2008

## li tapprova pjan ta' kontinġenza għall-Influenza tat-Tjur sottomess min-Norveġja

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-Ftehim taż-ŻEE), partikolarment l-Artikolu 109 u Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(d) u l-Protokoll 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Att imsemmi fil-punt 3.1.5a tal-Kapitolu I ta' l-Anness Ital-Ftehim taż-ŻEE,

*Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE,*

BILLI, skond l-Artikolu 62(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/EC, in-Norveġja fasslet pjan ta' kontinġenza li jispeċifika l-miżuri nazzjonali li għandhom jiġu implimentati fil-każ li tfaqqa' l-Influenza tat-Tjur,

BILLI, fid-29 ta' Ottubru 2007, u skond l-Artikolu 62(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE, in-Norveġja ssottomettiet għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA (minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala l-Awtorità) il-pjan ta' kontinġenza tagħha dwar l-Influenza tat-Tjur (avveniment nru 449330),

BILLI fil-31 ta' Marzu 2008 kienet sottomessa lill-Awtorità traduzzjoni bl-Ingliż tal-pjan ta' kontinġenza Norveġiż dwar l-Influenza ta-Tjur(avveniment nru 471610),

BILLI, l-Awtorità eżaminat mill-qrib il-pjan ta' kontinġenza Norveġiż dwar l-Influenza tat-Tjur, b'kooperazzjoni mill-qrib tal-Komunitajiet Ewropej

BILLI l-eżami juri li l-pjan sottomess min-Norveġja jissodisfa l-ħtiġiet minimi għal pjani nazzjonali ta' kontinġenza dwar l-Influenza tat-Tjur stipulata fl-Anness X tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE u għalhekk kienet approvata,

BILLI l-Awtorità bid-Deċiżjoni tagħha 270/08/COL irreferiet il-kwistjoni lill-Kumitat Veterinarju ta' l-EFTA li jassisti lill-Awtorità,

BILLI l-miżuri ppruvati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju EFTA li jassisti lill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Il-pjan ta' kontinġenza għall-Influenza Avjarja sottomess min-Norveġja hu approvat

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2008.

3. Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Norveġja.

4. Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmula fi Brussell, il-21 ta' Mejju 2008.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA*

| | |
|---|---|
| Per SANDERUD | Kristján Andri STEFÁNSSON |
| *Il-President* | *Membru tal-Kulleġġ* |